**Laqgha Numru 20/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti ta' l-Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 16 ta' Dicembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien skuzat minhabba li jinsab imsiefer fuq btala privata fit-tul.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fid-9 ta' Dicembru 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K6/2009.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 19/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Lauro Fava u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsiller Evelyn Vella Brincat astjeniet.

1.04. Il-Minuti gew approvati.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K6/2009.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2009 item 2.11 u ghall-Minuti 18/K6/2009 item 12.64 fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona biex jinhareg tender ghall-handyman service bis-siegha u li fost il-hiliet bazici ta' dan il-handyman irid ikun jaf sew is-sengha tal-welding. Il-kelliem qal li d-dokument ta' l-offerta ghandu jkun ta' € 50.00, is-Sindku Joe Zammit qal li dan hiereg fil-jiem li gejjien. **(Ara dokument A)**

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2009 item 2.15 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ghandhom jigu avvicinati s-sur Emmanuel Casha li ghamel ir-railing ta' St. Patricks, is-sur Ivan Abela u Azzopardi Aluminium & Metal Works li ghamlu r-railing ta' Triq il-Beatu Dun Gorg Preca sabiex jipprovdu kwotazzjoni, is-Sindku Joe Zammit qal li ghad qed jingabru l-kwotazzjonijiet.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2009 item 4.10 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li tinkiteb ittra lill-Onor. Ministru G. Pullicino fejn tintalab l-ghajnuna tieghu biex tissewwa it-Triq ANZAC quddiem il-Granny's Bazaar in-naha ta' l-AFM kif ukoll li l-Kunsill jipprovdi l-konkos lill-AFM sabiex issir il-manutenzjoni tat-toroq li jaghtu ghall-bahar, liema konkos ghandu jinxtara skond kwotazzjoni riferenza 15/2009, is-Sindku Joe Zammit qal li din ser issir fil-jiem li gejjien.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 98/2009** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-Kwotazzjonijiet 24/2009 **(Ara dokument B); Internal Memo 99/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 19/K6/2009 u 20/K6/2009 **(Ara dokument C); Internal Memo 100/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 19/K6/2009 u 20/K6/2009 **(Ara dokument D) Internal Memo 101/2009** dwar ftuh ta' Tenders 07/2009 – Supply, Installation & Commissioning of a Photovoltaic System **(Ara dokument E) u** Kopja tal-flyer ta' l-attivita' tal-Milied **(Ara dokument F).**

3.02. B'riferenza ghall-Internal Memo 101/2009, is-Sindku Joe Zammit ippropona li jintalab il-parir tal-Perit tal-Kunsill peress li kien huwa li pprepara d-dokument tat-tender.

3.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-Internal Memo 93/2009 kif ukoll ghall-incident li nqala fejn qalet li hasset disrispett minnaha tas-sur Carabott ta' St. Michael Foundation.Il-kelliema qalet li hija hasset li din kellha tigi diskussa fl-ahhar laqgha. Il-kelliema qalet li fin-nuqqas tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, it-talba ta' St. Michael's m'ghandiex tigi diskussa u dan minhabba li t-talba taghhom hija li jiehdu parti minn green area fil-lokal u ghalhekk ghandu jkun il-Kunsill kollu li jerfa' ir-responsabbilta tad-decizjoni. Il-kelliema kompliet tghid li kif kitbet fill-memo taghha thoss li ma sabitx appogg mis-Sindku ghall-atteggjament tas-sur Carabott fil-laqgha li saret mieghu u thoss li s-Sindku Joe Zammit kellu jwaqqaf il-laqgha.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit ghamel kjarifika fejn qal li l-Memo tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat titressaq fil-laqgha precedenti fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab lill-Kunsill biex din tkun diskussa meta l-Kunsillier li jkun ghamel ir-rapport ikun presenti minhabba li hekk titlob l-etika. Rigward l-attegjament tas-Sur Carabott fil-konfront tal-Kunsillier Vella Brincat il-kelliem qal li huwa kien informa lis-sur Carabott li bil-kumment tieghu lejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat hija kienet hasset li giet offiza u ghalhekk qal li huwa hass li s-Sur Carabott kellu jaghmel apologija lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat. Is-Sindku Joe Zammit qal li s-Sur Carabott qal li ghalkemm ma jhossx li ghamel xi kummenti jew mossi offensivi fil-konfront tal-Kunsillier Vella Brincat ghalkemm qal li kien lest li per kortezija jaghmel apologija. Il-kelliem qal li huwa kien hareg mill-ufficcju fejn kien hemm is-Sur Carabott u l-Perita Costanzi u mar fir-reception u pprova jispjega dan lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li qal li minnaha taghha m'accettatx l-apologija tas-Sur Carabott u ma marritx lura fil-laqgha.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-27 ta' Novembru u s-16 ta' Dicembru 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/6517/09/I** 23/11/2009 E-mail minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubbiika u Informazzjoni fejn informa l-Kunsill bl-iskema 'Nehduk Ghawdex' li jinkludu btajjel qosra f'Ghawdex matul ix-Xitwa u staqsew lill-Kunsill kemm ghandna bzonn fuljetti li jinkludi fih kalendarju shih ta' kif inhi maqsuma il-btala.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6517/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien attenda ghal din l-istedina li kienet tikkonsisti f'erba' t'ijiem izuru dak li hemm offrut f'din l-inizjattiva u ghalhekk ippropona li jkun tajjeb li jitqassam dan il-leaflet lill-komunita' taghna kif ukoll issir laqgha ma' l-anzjani biex jigu mhegga jorganizzaw din l-attivita'.

6.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6528/09/I** 23/11/2009 Invit lis-Sindku ghall-prezentazzjoni tan-nomina li l-Kunsill ircieva minghand l-MOC Sports Awards 2009 ghall-kontribuzzjoni li l-Kunsill wera ma' l-Ghaqdiet Sportivi nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru fil-5.30pm gewwa Excelsior Hotel il-Furjana.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6528/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa kien attenda ghal din l-attivita' flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat, peress li kienu mistiedna ukoll il-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-unuri regghu marru ghand il-Kunsilli Lokali tal-Furjana, Qormi u Mellieha.

**46/6623/09/I** 25/11/2009 Ittra minghand l-AFM fejn talbu l-Kunsill itella hajt fi Triq ANZAC minn fejn il-Bus Stop sal-ground ta' wara l-barracks.

**46/6624/09/I** Ittra minghand l-AFM fejn talbu l-Kunsill sabiex isir xi haga iktar safe

25/11/2009 minflok il-fence li hemm bhalissa fi Triq ANZAC.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6623/09/I u 46/6624/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-suggett kien diga gie diskuss fl-ahhar laqgha tal-Kunsill inkluz li tintbaghat ittra lill-Ministru George Pullicino rigward dan il-bzonn ghax zgur li l-Kunsill m'ghandux mezzi finanzjarji bizzejjed. Il-kelliem qal li fl-ittra ghandha ssir riferenza ghall-kwotazzjoni li kienet saret wara l-laqgha ma' ufficjal tad-dipartiment li kien gie spezzjona din il-parti tat-triq. Il-kelliem qal ukoll li hemm programm ta' fondi skond kif infurmah l-Onor. Chris Said ghal tisbih tal-pjazez tar-rahal u jista' jkun li l-Kunsill jikkunsidra li jaghmel xi progett quddiem il-Knisja u dan ix-xoghol ikun inkuz ukoll. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill sabiex isiru l-preparamenti necessarja nkluz pjanti u stimi.

6.07. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6637/09/I** 25/11/2009 E-mail minghand is-Sur Jean Marc Galea fejn talab il-permess tal-Kunsill biex juza is-sit ta' bejn it-tennis courts la darba l-Kunsill ma accettax li juza l-Ex Parade Ground ghall-attivita' tal-World Cup.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6637/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li la darba dan il-post huwa post ta' rikreazzjoni ghaldaqstant din l-attivita' tkun tajba ghad-dilettanti tal-futbol jekk tigi organizzata f'dan il-post u ghalhekk il-Kunsill ghandu jitlob l'issir laqgha mas-sinjur biex il-Kunsill jara x'ser joffri lill-komunita' bhal ma' jsir m'entitajiet ohra meta ssir attivita' fl-Ex Parade Ground u wara l-Kunsill japprova jew jichad it-talba proposta.

6.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6665/09/I** 26/11/2009 Ittra minghand l-Anna Lindh Foundation titlob laqgha mal-Kunsill.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6665/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l'issir din il-laqgha.

6.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6669/09/I** 26/11/2009 E-mail minghand Triton Group fejn informaw lill-Kunsill li qed jaghmlu serje televiziva bl-isem 'Last Meeting' li se jintwera fir-Russja u talbu l-permess tal-Kunsill biex juzaw l-area ta' quddiem l-ITS sabiex jiffilmjaw xi xeni nhar it-Tnejn 7 ta' Dicembru 2009 mis-2.00pm sa l-4.00pm.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6669/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-gbid tal-film kien diga sar.

**46/6681/09/I** 26/11/2009 Kwotazzjoni riveduta minghand l-ELC ghal xoghol ta' landscaping fi Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta kwotazzjoni numru 25/2009.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6681/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din ir-revizjoni saret wara l-laqgha li saret fil-Kunsill hekk kif kien approva li jsir il-Kunsill. Il-kelliem qal li ghal din il-laqgha kien attenda ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni riveduta ta' l-ELC kif kien suggerit fil-laqgha li saret maghhom.

6.17. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa mportanti li l-ammont ma jaqbizx € 4,658.75 kif ukoll li x-xoghol isir wara li jintemm il-process ta' l-appell tat-tender tal-bins u play equipment minhabba li l-flus ghadhom mizmuma mill-MEPA.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6683/09/I** 26/11/2009 E-mail minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-access ghall-email mill-membri tal-Kunsill informa l-Kunsill li mhux permess li l-Kunsill jixtri kompjuter jew laptop lill-Kunsilliera izda dan ghandu jinxtara mill-allowance li ser tibda tinghata lil kull Kunsillier.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6683/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6693/09/I** 27/11/2009 E-mail minghand il-BANIF fejn b'riferenza ghall-laqgha li kellu mal-Kunsill rigward servizzi bankarji talab sabiex issir laqgha ohra rigward dan l-istess suggett.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6693/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-laqgha li saret ma' dawn is-sinjuri flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsill talab sponsors lill-Bank jekk dan irid jaghmel xi servizz mill-ufficini tal-Kunsill. Il-kelliem qal li s-Sur Charles Mizzi kien infurmah li ser ikun qed ikellem lid-diretturi fuq dan wara li ra l-post u jahseb li huwa minhabba f'hekk li rega' talab ghall-laqgha. Ghaldaqstant il-kelliem ippropona li l-Kunsill jerga' jiltaqa' ma' dan is-sinjur biex il-Kunsill jara x'ser ikun qed joffri.

6.22. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li s'issa l-Kunsill ghad m'ghandux rendikont ta' dak li gie diskuss fil-laqgha li saret bejn il-Kunsill u r-rapprezentant tal-Bank Banif.

6.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li d-decizjoni tal-Kunsill kienet servizz ta' ATM u mhux servizzi bankarji fl-ufficju tal-Kunsill ghalkemm qalet li madanakollu tajjeb l'issir laqgha maghhom

**46/6695/09/I** 27/11/2009 Kopja ta' e-mail li s-sur Johann Bellizzi baghat lill-Awtorita' tad-Djar rigward problema li hemm fi Triq Pietru D'Armenia fejn vetturi jostakolaw ir-rampa tal-hrug tal-garaxxijiet u ssugerixxa li jsiru bollards jew planters.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6695/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien iltaqa' ma' dan is-sinjur fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u ghalhekk ippropona l'issir spezzjoni tas-sit sabiex jigi dentifikat x'hemm bzonn isir, jekk hemm bzonn tingabar stima minghand il-kuntrattur tal-Kunsill u wara jkun il-Kunsill li jiddeciedi jekk issirx in-nefqa jew le.

6.27. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6698/09/I** 27/11/2009 Ittra minghand l-AKL tinforma lill-Kunsill sabiex ma jsirx hlas lill-MITA ghall-uzu ta' l-email ghall-Kunsilliera.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6698/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.30. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab il-koperazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jekk huwa possibbli jipprovdu ndirizz eletroniku wiehed, liema ndirizz ghandu jkun dak ufficjali tal-Gvern sabiex ma jkunx hemm problema li e-mails jigu lura bhal ma qed jigri fil-kaz tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat. Il-kelliem fakkar lill-Kunsilliera li e-mail li kien bagħat fuq dan is-suggett lill-Kunsilliera kollha, ghada ma giet imwiegba minn hadd.

6.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-MITA jaghmlu komunikat maghha minhabba problema fuq l-e-mail tal-gov.mt filwaqt li s-Sindku Joe Zammit qal li huwa diga kien beda jaghmel uzu minn dan is-servizz.

**46/6700/09/I** 27/11/2009 E-mail minghand il-Kwartieri Generali tal-Pulizija mis-Sezzjoni ta' Drogi fejn talbu laqgha mal-Kunsill ghax-xahar ta' Dicembru 2009.

6.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6700/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jidher li m'hemmx ghalfejn issir din il-laqgha ghax-xahar ta' Dicembru.

6.33. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6701/09/I** 27/11/2009 E-mail minghand The Palace Hotel is-Sur Michael Zammit Marmara' fejn talab laqgha mal-Kunsill sabiex jiddiskutu fuq distribuzzjoni ta' flyers.

**46/7008/09/I** 10/12/2009 Ittra minghand The Palace Hotel fejn qed joffru sponsor ta' 3 vouchers sabiex jintuzaw mill-Kunsill fl-attivitajiet socjali u dan bi skambju ghal tqassim ta' materjal informattiv minhabba li l-Kunsill m'ghandux magazine fejn jistghu isiru reklami.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6701/09/I u 46/7008/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-laqgha kienet saret nhar il-Gimgha 11 ta' Dicembru u minhabba li l-Kunsill m'ghandux magazine tieghu fejn jista' jirreklama, intlahaq ftehim li l-Kunsill jinghata 3 biljetti kumplimentari ghal ikla ghal tnejn li l-Kunsill jista' juza fl-attivitajiet socjali li jorganizza minn zmien ghal zmien.

**46/6706/09/I** 27/11/2009 E-mail minghand il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa fejn informaw lill-Kunsill bil-Bice Mizzi Vassallo Competition Concert li ser ssir fit-12 ta' Dicembru 2009 gewwa t-Teatru Manuel fis-6.30pm.

6.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6706/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6709/09/I** 27/11/2009 Memo 78/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Gheluq tas-sena Finanzjarja l'issa ser tkun bejn Jannar u Dicembru.

6.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6709/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6711/09/I** 27/11/2009 E-mail minghand TCTC fejn talbet lill-Kunsill biex b'urgenza jaghzel data sabiex issir laqgha ma' l-istudenti li ser japplikaw ghall-korsijiet.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6711/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-laqghat ser isiru nhar il-Hamis 7 ta' Jannar 2010 fl-4.00pm ma' l-istudenti tal-kors E-Familja u fil-5.00pm ma' l-istudenti tal-kors Learn IT.

6.39. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill s'issa kienu applikaw biss 2 persuni kif ukoll li l-applikazzjonijiet jaghlqu nhar il-31 ta' Dicembru 2009.

6.40. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li jista' jaghti l-kaz li l-konkorrenza hija baxxa minhabba li hemm hafna korsijiet minghajr hlas u ghalhekk ipproponiet li jekk ma jkunx hemm 15 il-persuna li japplikaw sa l-ahhar tax-xahar, dawn il-korsijiet ma jsirux u jigu kkancellata.

6.41. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6714/09/I** 27/11/2009 E-mail minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn informaw lill-Kunsill bid-dhul fis-sehh tal-att dwar l-amministrazzjoni pubblika.

6.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6714/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6763/09/I** 30/11/2009 Newsletter mill-AKL fejn informaw lill-Kunsill li ser ikun hemm slott ta' hmistax il-minuta kuljum fuq il-PBS li jgib l-isem '1205' fejn ser jinvolvi clips fuq entitajiet governattivi, privati, xoghlijiet li jsiru mill-Kunsill, rapporti mill-Kungress u mill-Kumitat tar-Regjuni ecc.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6763/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6764/09/I** 30/11/2009 E-mail minghand l-AKL dwar skema ta' kompjuters rikondizzjonati ghall-Kunsilli Lokali.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6764/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiehu sehem f'din l-inizjattiva halli l-quddiem ikunu parti minn Computer Lab li hemm il-hsieb li jsir.

6.46. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6770/09/I** 30/11/2009 E-mail minghand is-Sur David Said minn Pembroke Athleta fejn baghat artwork ta' tabella li tindika is-sit ta' Pembroke Athleta.

**46/6853/09/I** 02/12/2009 Ittra minghand il-Pembroke Athleta Football Club jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex jaghmlu diversi tabelli sabiex jindikaw id-direzzjoni lejn il-klabb.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6770/09/I u 46/6853/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba biex issir tabella indikattiva izda ghandhom jigu nfurmata li minbarra l-permess tal-Kunsill ghandhom bzonn ukoll il-permessi minn entitajiet ohra fosthom tal-MEPA.

6.49. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6772/09/I** 30/11/2009 E-mail minghand is-sinjura Davina Abdilla rigward is-sewqan eccessiv li qed isir fi Triq Gabriele Henin u Triq il-Mediterran minn vetturi li jkunu sejrin ghall-ground tal-Melita u ssugerit li jigu nfurmati l-klabb tal-Melita sabiex jinformaw lill-genituri li jwasslu t-tfal sabiex isuqu b'attenzjoni.

**46/6778/09/I** 30/11/2009 E-mail minghand is-Sinjura Sylvana Tabone li toqghod 1, Triq Fra Giuseppe Zammit fejn ilmentat mal-Kunsill rigward is-sewqan eccessiv li qed isir fi Triq Gabriele Henin u Triq il-Mediterran minn vetturi li jkunu sejrin ghall-ground tal-Melita u talbet sabiex jitwahhlu tabelli ta' speed limit u talbet spjegazzjoni ghala nqalghu road humps u ssugerit ukoll li

hemm bzonn li tigi ntrodotta one way f'xi toroq specjalment minn Triq il-Mediterran ghal Triq Fra Giuseppe Zammit.

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6772/09/I u 46/6778/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jara kif tigi rrangata r-road hump ezistenti li hemm fil-hrug tat-trejqa li mill-Melita tmiss ghal Triq il Meditteran kif ukoll li jigu nfurmati b'dan dawn is-sinjuri nkluz li matul is-sena d-diehla ser ikun hemm provdut ghall-postijiet bhal dawn l-uzu ta' mobile speed cameras.

6.52. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat kif ukoll ziedet li ghandha tinkiteb ittra lill-Melita FC sabiex jinfurmaw lill-membri taghhom biex kemm jista' jkun ikunu prudenti fis-sewqan taghhom.

6.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6781/09/I** 30/11/2009 — Ittra minghand l-AKL dwar l-assigurazzjoni ta' flus fil-Kunsill u in transit ghall-prezz ta' €63.00 ghall-perjodu Jannar – Dicembru 2010.

6.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6781/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-assigurazzjoni tigi mgedda.

6.55. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6785/09/I** 30/11/2009 — Ittra minghand il-kuntrattur J&K Contractor Ltd. fejn qed jistaqsi lill-Kunsill jekk il-Kunsill ghadx ghandu bzonn l-istima sabiex jirranga filata gebel fl-ex Parade Ground.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6785/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din ghandha tispicca minhabba li m'ghadx hemm il-bzonn.

6.58. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6793/09/I** 01/12/2009 — Ittra minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill biex jaghmel uzu mill-fondi allokati ghat-toroq sabiex jitnehhew sigar tal-palm marid u xoghol iehor informa lill-Kunsill li wara analizi li saret irrizulta li 28% tal-wicc tat-toroq residenzjali u 99% tat-toroq rurali huma f'kundizzjoni hazina u ghalhekk it-talba tal-Kunsill ma gietx milqugha u jekk il-Kunsill ihoss li l-analizi li saret mid-Dipartiment hi zbaljata talbu nibghatu r-ragunijiet.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6793/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinghata spjegazzjoni minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghaliex it-toroq rurali huma 99% hziena ghax sa fejn jaf huwa, il-Kunsill dejjem ghamel ix-xoghol ta' patching kull fejn irrizulta l'inholqu xi hofor jew tkissir. Il-kelliem qal li naturalment dawn it-toroq kollha jinhtiegilhom resurfacing gdid imma x-xoghol tal-Kunsill li jippaccja dejjem sar. Rigward it-28% tat-toroq l-ohra jidher li hemm riferenza ghal Triq Gabriele Henin, Triq Tobruk u Triq Alamein u ghalhekk skond id-diskors tal-Onor. Chris Said lis-Sindki dan kien habbar li s-sena li gejja ser ikun hemm programm ta' PPP li jindirizza toroq li ghadhom mhux lesti b'wicc gdid fejn Kunsilli jistghu jidhlu f'din l-iskema, liema skema ser tithabbar ufficjalment fil-bidu ta' Jannar 2010.

6.61. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6812/09/I** 01/12/2009 — Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitolbu kjarifika dwar it-talbiet tad-devoluzzjoni li ghandu l-Kunsill vis-a-vis il-bini ta' centru tal-komunita'.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6812/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-Dipartiment ghandu jigi nfurmat li l-Kunsill kien ghamel zewg talbiet biex forsi tkun approvata wahda minnhom.

6.64. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6816/09/I** 01/12/2009 — Rikwest ghall-emendi biex jinbidlu xi affarijiet mill-pjanta kif preparata mill-Perit tal-Kunsill ghall-pitch tal-bocci.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6816/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara laqgha li saret mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u li huwa kien prezenti, il-group leader tal-ghaqda dilettanti tal-bocci, li fil-futur ser ikunu qed jiffurmaw ufficjalment l-ghaqda, talab dawn l-emendi zghar skond kif ghandhom Bocci Klabbs ohra madwar Malta. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona biex dawn l-emendi jinbghatu lill-Perit halli jara jekk hemmx lok ta' bdil fil-pjanta diga sottomessa lill-MEPA minhabba li l-bdil propost huwa biss ta' hajt divizorju.

6.67. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6818/09/I** 01/12/2009 — Lista ta' parkeggi riservati gewwa l-lokal ta' Pembroke li naghtat waqt is-seminar li sar mill-ADT nhar il-Hamis 26 ta' Novembru 2009 sabiex jigu vverifikati.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6818/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ser jispezzjonaw dawn is-siti fil-jiem li gejjien.

**46/6829/09/I** 02/12/2009 — Ittra minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar ismijiet tal-Kunsilliera fuq decizjonijiet informa l-Kunsill li ghandha ssir riferenza ghall-Ordnijiet Permanenti li jinsabu fis-Sitt Skeda tal-att dwar Kunsilli Lokali.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6829/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6830/09/I** 02/12/2009 — Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Ms. Junelle Galea fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar kwotazzjonijiet konnessi m'attivitajiet mill-Kunsill informat lill-Kunsill li nistghu nigwidaw ruhna billi ssir riferenza ghar-Regolamenti Finanzjarji (363.01) u fakkret lill-Kunsill li jista' jaghmel biss hlasijiet ghall-attivitajiet li jaqghu taht ir-responsabilita' tal-Kunsill.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6830/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6835/09/I** 02/12/2009 — E-mail minghand is-Sinjura Rachel Salnitro li toqghod Block B6, Flt 2, Triq Pietru Rossel fejn talbet lill-Kunsill biex jigu nstallati 2 bollards fl-entratura tal-komun biex ma jidhlux quad-bikes u muturi fiz-zona pedonali.

6.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6835/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jitpoggew xi bollards biex ma jibqghux jitilghu vetturi kif sewwa ndikat minn din is-sinjura u ghalhekk ghandha tingieb kwotazzjoni tax-xoghol u wara l-Kunsill jerga' jikkunsidra n-nefqa li jkun hemm.

6.73. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6844/09/I**
02/12/2009

Artiklu li baghat is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li deher fuq il-gazzetta Times of Malta fejn is-Segretarju Parlamentari Mario de Marco qed jikkunsidra li juza l-kumpless tal-White Rocks f'kumpless ghat-turizmu u l-isport.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6844/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill johrog stqarrija fejn iheggeg lill-Gvern biex tinstab soluzzjoni kemm jista' jkun malajr biex dan il-post iservi ta' gid kemm ghall-lokalita' kif ukoll ghan-nazzjon. Il-kelliem ippropona ukoll li ghandha ssir proposta li diga kien hemm diskussjoni dwarha fil-passat u l'issa ghandha ssir lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, biex ikun ikkunsidrat li blokk minnhom iservi ta' hostel ghaz-zghazagh u li din il-blokka tkun tista' tintuza minn skambju taz-zghazagh u nies ohra specjalment bejn Kunsilli li ghandhom gemellagg u b'hekk tkun qed tinholoq ghajnuna ndiretta lill-Kunsilli Lokali Maltin u Ghawdxin. Il-kelliem qal li naturalment il-Kunsill ghandu jitlob biex Pembroke jimmanigja din il-binja taht l-iskema Private Partnership.

6.76. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6850/09/I**
02/12/2009

E-mail minghand il-Perit George Schembri mill-Marine & Storm Water Unit fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret dwar hsarat li saru waqt il-bini ta' storm water culvert baghat lista ta' xoghlijiet li ser jigu rrangati mill-kuntrattur Tal-General Ltd. ghas-spejjez tal-kuntrattur.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6850/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghal din iz-zjara fuq il post kienu prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat.

6.79. Saru kummenti li hemm bzonn li l'inspection hole ta' dar numru 17 fi Triq Dun Amabile Sisner ghandha titkahhal minhabba li hija perikoluza.

6.80. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet sabiex il-kantuniera ta' Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' ma' Triq Madre Margerita de Brincat ghandha tigi rrangata u titnehha s-sigra li hemm u tithawwel f'post iehor.

6.81. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.82. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6851/09/I**
02/12/2009

Ittra minghand Pembroke Athleta Football Nursery Club fejn staqsew jekk il-Kunsill hux ser jorganizza l-attivita' annwali tad-19 ta' Marzu 2010 sabiex ikunu jistghu jghinu fl-organizzazzjoni.

6.83. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6851/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li fl-assenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li huwa responsabbli minn attivitajiet sportivi qed iressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-Kunsill Lokali Pembroke jorganizza l-Annual Football Nursery Tournament u li l-Pembroke Athleta

Football Nursery gentilment offrew kull ghajnuna ghall-organizzazzjoni ta' dan it-tornament fuq l-istess binarji tas-sena li ghaddiet.

6.84. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6852/09/I** 02/12/2009 Ittra minghand il-Bord tal-Evalwazzjoni fejn b'riferenza ghall-iskema Fondi ghall-Progetti Specjali nformaw lill-Kunsill li ntaghzel bhala wiehed mill-lokalitajiet li ser jibbenifikaw mill-fondi allokati u ser jinghata s-somma ta' €20,000 bhala ghajnuna finanzjarja ghall-applikazzjoni 'Progett ta' installazzjoni ta' dawl gdid fil-lokal f'toroq li ma hemm ebda servizzi fihom'.

**46/6931/09/I** 07/12/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu r-ritratti flimkien ma' stqarrija ghall-istampa tal-laqgha li saret nhar l-Erbgha 2 ta' Dicembru 2009 dwar l-iskema fondi ghall-progetti specjali.

6.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6852/09/I u 46/6931/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li filwaqt li l-Kunsill ghandu juri l-apprezzament tieghu lejn is-Segretarjat Parlamentari ghal din l-ghotja u li maghha jista' jizdied il-vot li jkun ghad fadal minn din is-sena u dak li jkun gej ghas-sena 2010, ippropona biex il-Kunsill johrog works order lill-kuntrattur ghall-installazzjoni ta' 8 arbli fit-triq bla isem li minn Triq il-Mediterran taghti ghall-grawnd il-gdid ta' Pembroke Athleta kif ukoll 4 arbli fi Triq San Gorg Preca skond kif indikat fl-istima mill-kuntrattur tal-Kunsill. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-bankina ghandha ssir wara li jehlu l-arbli u dan minhabba l-fatt li huwa kien ghadu kemm gie nfurmat li t-talba giet accettata mill-Ministeru tal-Finanzi biex jinhareg il-kuntratt. Il-kelliem qal ukoll li l-Kunsill ma jistax jinstalla dawl li jahdem b'energija alternattiva minhabba li m'hemmx bizzejjed zmien li jinhareg it-tender.

6.87. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.88. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.89. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Grant l'inghata l-Kunsill kien ta' €20,000 filwaqt li l-ispiza hija stamata li ser tkun madwar €23,500. **(Ara dokument G u H)**

**46/6860/09/I** 03/12/2009 Ittra minghand is-Sur Alfred Carabott mis-St. Michael School fejn b'riferenza ghall-laqgha li kellhom fis-17 ta' Novembru fil-Kunsill qed jikteb ufficjalment lill-Kunsill fuq il-proposta taghhom sabiex jibnu kindergarten ma' l-iskola ezistenti.

6.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6860/09/I** is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memo ipprezentata mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat rigward din il-laqgha fejn informa lill-Kunsill li l-oggezzjoni tal-Kunsill lura fl-20 ta' Frar 2006 (riferenza 46/0768/06/O/71) kienet primarjament minhabba l-iskola primarja tal-lokal li kien hemm fi Triq Alamein. Il-kelliem qal li jidher li mill-MEPA hemm bdil fuq iz-zona (ghalkemm jekk wiehed jidhol fis-sit tal-MEPA jindika biss bhala surface parking u green belt) li tinkludi estenzjoni ghall-facilitajiet edukattivi u parking skond kif espressa mill-Perita Costanzi li kienet prezenti. Ghalhekk il-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghall-bini ta' Kindergarten imma fl-istess hin il-bini irid isir skond il-pjan tal-MEPA kif ukoll li l-binja tkun tmiss mal-hajt diga ezistenti tal-grawnd tas-St. Michael's School u jkun hemm mad-dawra tal-iskola 30 parkegg ghall-karozzi.

6.91. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.92. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li kif stqarret fil bidu tal-laqgha din ghandha tigi diskussa fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli halli r-responsabilita' tittiehed minn kulhadd. Il-kelliema qalet li din il-proposta ser tkompli tohnoq u tnaqqas l-ambjent tal-lokal minhabba li din hija green area u ser tispicca a skapitu ta' azjenda kummercjali.

6.93. Wara diskussjoni u battibekk li kien hemm bejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-proposta tieghu kif ressaq aktar qabel.

6.94. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.95. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

6.96. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur il-mozzjoni.

6.97. Il-mozzjoni giet approvata.

6.98. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-uzu tal-casting vote li ghamel is-Sindku huwa kaz ta' redikolu.

6.99. Is-Sindku Joe Zammit wiegeb billi qal li l-vot kien hadu b'responsabilita' ghax bl'argument tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qal li m'ghandu jsir ebda bini iehor f'Pembroke kif ukoll li m'ghandux jittiehed vot kull meta fil-laqgha tal-Kunsill ma jkunux prezenti l-Kunsilliera kollha. Il-kelliem qal li kull Kunsillier ghandu jkun responsabbli u jerfa' d-decizjoni anke fin-nuqqas ta' haddiehor.

**46/6871/09/I** 03/12/2009 E-mail minghand Malta Historical Vehicles Trust fejn irringrazzja l-Kunsill ta' l-ittra li baghat u nforma l-Kunsill li ghandu jaghmel komunikat mal-Kunsill is-sur Peter Skerry li huwa l-organizzatur ta' l-attivita'.

6.100. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6871/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6881/09/I** 04/12/2009 Artiklu li deher fuq il-gazzetta l-Orizzont ta' nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2009 dwar tishih fis-sistema ta' gbir ta' skart ghar-riciklagg f'Had-Dingli.

6.101. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6881/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-Kunsill kellu laqgha ma' dawn is-sinjuri u rapport ser jinghata fil-laqgha li jmiss.

**46/6886/09/I** 04/12/2009 Memo 81/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar it-Tqassim ta' Memos lill-Kunsilliera, avvizi u kwotazzjonijiet fil-gazzetti.

6.102. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6886/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6889/09/I** 04/12/2009 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-kuntratt dwar gbir ta' skart domestiku nforma l-Kunsill li wara li qara l-e-mail mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kkomunika mal-kuntrattur u spjegalu bil-problema. Il-Kuntrattur weghdu li se jitkellem ma' shabu biex ghal xahar jibqghu joffru servizz ta' emergenza bl-istess prezzijiet ta' qabel minbarra ta' din il-gimgha u ghandu jibghat lill-Kunsill bil-miktub.

**46/6892/09/I** 04/12/2009 Ittra minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn qed jinforma lill-Kunsill li s-servizz tal-gbir ta' l-iskart prezenti ghandu jitqies bhala servizz t'emergenza u ghalhekk b'terminu definit u dan sakemm il-Kunsill jerga' jaghmel sejha ohra sabiex jikseb l-ahjar prezzijiet.

**46/6909/09/I** 07/12/2009 Ittra minghand in-Northern Cleaning Group Ltd. fejn b'riferenza ghall-komunikat li kellu mas-Sindku dwar problema ta' finanzjament informa lill-Kunsill li l-kumpanija lesta tkompli taghti s-servizz taghha bir-rati ta' l-2009 ghall-perjodu bejn it-Tnejn 7 ta' Dicembru sal-Hamis 7 ta' Jannar 2010 izda bejn nhar it-Tlieta 1 ta' Dicembru sas-Sibt 5 ta' Dicembru il-hlas ser ikun skond il-kuntratt il-gdid.

6.103. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6889/09/I, 46/6892/09/I u 46/6909/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li sakemm ikun hemm decizjoni differenti l-Kunsill ghandu jitlob servizz t'emergenza lill-kuntrattur sas-7 ta' Jannar 2010, li fil-laqgha li jmiss tittiehed decizjoni finali dwar l-ammont finanzjarju li l-Kunsill ser jalloka ghall-gbir ta' skart u jekk il-kuntrattur ma jaccettax, il-Kunsill jirriserva dritt li jerga' johrog l-offerti.

6.104. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.105. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6893/09/I** 04/12/2009 E-mail minghand il-Kunsill Lokali San Pawl fejn baghtu nformazzjoni fuq il-kumpanija Sunsource Imports dwar solar street lights.

**46/6565/09/I** 24/11/2009 E-mail minghand il-Kunsill Lokali San Pawl fejn baghtu ritratti u nformazzjoni marbuta mal-uzu efficjenti tal-energija.

6.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6893/09/I u 46/6565/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn it-tip ta' dwal huma tajbin biex isir minnhom fil-gnien ta' San Patrizju u fl-ohrajn ukoll u b'hekk ikun iffrankat il-kont tad-dawl. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jistharreg din it-teknologija ghall-postijiet ohra fosthom Triq il-Meditteran in-naha tal-palm.

6.107. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk humiex ser jingabru xi kwotazzjonijiet jew tenders fuq dan is-suggett.

6.108. Wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit qal li m'hemmx bzonn li jsir dan ghalissa.

**46/6898/09/I** 04/12/2009 E-mail minghand Infinite Fusion Technologies is-Sur Liam Ferriggi fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar kwotazzjoni 24/2009 fejn l-offerta taghhom ma gietx maghzula, baghat l-oggezzjoni tieghu u talab biex tigi riveduta l-ghazla tal-Kunsill.

6.109. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6898/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill l'immedjatament kien ta ordni lill-iskrivana biex jibghatu din lill-Avukat ghall-parir legali kif ukoll gie nfurmat ir-rapprezentant tal-kumpanija FOMECO li ghalissa s-servizz li l-Kunsill kien ser juza huwa mizmum minhabba din l-oggezzjoni.

**46/6902/09/I** 04/12/2009 E-mail minghand EURES Advisor fejn informaw lill-Kunsill li b'riferenza ghall-Business Breakfast li kien sar f'Ottubru jixtiequ jorganizzaw sezzjonijet ta' nformazzjoni dwar servizzi li joffru l-ETC u l-EURES u staqsew jekk il-Kunsill huwiex interessat u jekk iva l-ahjar li jsiru gewwa l-Kunsill jew f'xi post iehor fil-lokal.

6.110. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6902/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li waqt din il laqgha li kienet saret kienet qamet din il-proposta biex it-tahditiet mill-ETC fuq servizzi li toffri isiru fuq bazi lokali u huwa kien tkellem fuq dan mac-Chairperson ta' ETC Dr. Sandra Sladden. Ghal dan il-ghan ippropona li l-Kunsill jospita' dawn it-tahditiet bhala inizjattiva edukattiva ghal aktar informazzjoni lir-residenti tal-lokal.

6.111. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.112. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6922/09/I** 07/12/2009 Ittra minghand il-librar Simon Cutajar fejn informa lill-Kunsill li mhux ser jiftah il-librerija lejliet il-Milied u l-Ewwel tas-Sena u kif ukoll is-Sibtijiet ta' wara.

6.113. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6922/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

6.114. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.115. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6926/09/I** 07/12/2009 E-mail minghand is-Sur Kenneth Said fejn informa l-Kunsill bil-prezzijiet ghall-kiri ta' cherry picker.

6.116. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6926/09/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jiehu nota ta' dan is-servizz ghax jidher tajjeb bhala offerta meta l-Kunsill ikollu bzonn ta' dan is-servizz.

**46/6972/09/I** 09/12/2009 E-mail minghand id-Direttur Natalino Attard mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghax-xoghol tal-haddiema klerikali informa l-Kunsill li skond l-avviz legali numru 127 ta' 1998 artiklu 14 (5) is-Segretarju Ezekuttiv huwa l-Kap Amministrattiv tal-Kunsill u ghalhekk huwa responsabbli mill-amministrazzjoni kollha tal-haddiema klerikali nkluz l-ordnijiet ta' xoghol, dixxiplina, struzzjonijiet u tqassim ta' xoghol.

6.117. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6972/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan l-avviz ifakkar lill-Kunsilliera kollha nkluz lis-Sindki biex kull talba ghal xi forma ta' xoghol lill-istaff tal-Kunsill ghandha tkun indirizzata lis-Segretarju Ezekuttiv u ghandu jkun huwa li jghaddi x-xoghol lill-istaff. Ghaldaqstant il-kelliem talab lil kulhadd biex kull talba jew ordni ta xi xoghol jew bzonn ta' xoghol mill-istaff klerikali tal-Kunsill ghandha tkun indirizzata lis-Segretarju Ezekuttiv u ghaldaqstant fid-dawl ta' din ir-risposta ppropona li ghandha tigi revokata d-decizjoni mehuda fil-laqghat precedenti li jkun hemm rotazzjoni kontinwa tal-haddiema klerikali u dan sabiex ikun hemm kontinwita' fix-xoghol ta' l-ufficcju.

6.118. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.119. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.120. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li tahseb li din l-interpretazzjoni hija zbaljata minhabba li jekk ikun hemm persuni ndisposti, x-xoghol taghhom ma jsirx. Fid-dawl ta' dan il-kelliema pproponiet lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jipprovdi lista tax-xoghol li jsir mill-istaff kollu nkluz huwa kif ukoll rapport/performance kull xahar tax-xoghol li qed isir mill-iskrivana. Il-kelliema pproponiet li kull xahar il-membri tal-Kunsill ghandhom jiltaqghu ma' l-istaff separatament minn mas-Segretarju Ezekuttiv u eventwalment l-istaff kollu f'daqqa sabiex jaraw l-andament tax-xoghol fl-ufficcju.

6.121. Is-Sindku Joe Zammit filwaqt li issekonda zied li l-Kunsill jista' jiddeciedi, dejjem jekk ikun prattikabbli, li b'konsultazzjoni mas-Segretarju Ezekuttiv jitlob ghal spostazzjoni tal-haddiema klerikali, u mhux kif sar fl-ahhar laqgha fejn giet injorata l-opinjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem qal li huwa dmir tas-Segretarju Ezekuttiv li jara li x-xewqa tal-Kunsill jekk tista' ssir, issir skond kif ihoss l-ahjar huwa la darba huwa responsabbli mit-tmexxija tal-Kunsill.

6.122. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.123. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm mhux ser ikun hemm rotazzjoni ta' staff ma jfissirx li l-istaff ma jkunux jafu x-xoghol ta' xulxin, anzi bil-maqlub u dan minhabba l-fatt li l-iskrivana Kirsty Rizzo kontinwament ftit ftit qed titharreg fix-xoghol ta' l-iskrivana anzjana Alison Micallef. Il-kelliem qal ukoll li fil-fatt ix-xoghol tal-Kunsill qatt ma waqaf indipendament minn min mill-iskrivana jkun xoghol. Rigward il-laqghat ma' l-istaff il-kelliem qal li ma ghandu ebda oggezzjoni li jsiru laqghat simili ghalkemm meta fil-passat huwa talab ghal aktar minn darba sabiex isiru izda dawn qatt ma saru ghalkemm kien hemm okkazzjoni fejn saret laqgha ma' l-istaff klerikali wahedhom.

**46/6973/09/I** 09/12/2009 — E-mail minghand id-Direttur Natalino Attard mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-email tal-Kunsill dwar rimburzar ta' spejjez informa lill-Kunsill li rifuzjoni tal-ispejjez minfuqa mill-Kunsilliera ser jibqa' possibbli sakemm jidhlu fis-sehh ir-regolamenti dwar l-allowance li ser tinghata lill-Kunsilliera mill-1 ta' Jannar 2010.

6.124. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6973/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6976/09/I** 09/12/2009 — Memo 84/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja globali ghas-sena 2010 li tinkludi l-Kunsill Lokali kollha ta' Malta.

**46/7014/09/I** 10/12/2009 — E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informa l-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2010 se tkun ta' €340,134.

6.125. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6976/09/I u 46/7014/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.126. Fuq talba tas-Sindku Joe Zammit, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-allokazzjoni ta' € 340,134 tinkludi l-ammont ta' € 12,311 ghal Tipping Fees, liema ammont huwa anqas minn dak ikkalkulat mid-Dipartiment fix-xhur li ghaddew (€4,903.02 * 4 = €19,612.08). Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li l-allokazzjoni ghas-sena finanzjarja 2009/2010 kienet ta' € 319,083 u ghalhekk dan ifisser li l-unika zieda li hemm hija dik ta' madwar € 1,500.

**46/6980/09/I** 09/12/2009 — E-mail minghand l-Ufficcju tal-President fejn qalet li l-mawra ta' l-Ecc. il-President George Abela ser tkun fuq l-istess binarju li kienet saret minn Dr. Fenech Adami u talbet sabiex tiltaqa' mal-Kunsill u konfema tad-dati tas-16 ta' Gunju b'laqgha ma' l-NGO's lokali ghall-habta ta' 7.00pm u fl-20 ta' Gunju fit-8.30am issir zjara ufficjali fil-lokalita'.

6.127. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6980/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintalab data ohra minhabba li l-Kunsillier Lauro Fava jkollu l-ezamijiet apparti li hemm il-loghob tal-futbol tal-World Cup li jista' jtellef mill-partecipazzjoni ta' l-NGO's.

6.128. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.129. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6987/09/I** 10/12/2009 Ittra minghand il-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 27 ta' Novembru dwar ir-riforma fit-trasport pubbliku nforma l-Kunsill li jahsbu li r-rotta kif inhi progettata hi l-ahjar wahda fl-interess tal-komunita' ta' Pembroke u ma jafux li hemm xi alternattiva aktar deziderabbli.

6.130. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6987/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibqa' jinsisti li tintuza Triq G. Henin u mhux Triq Dun Amabile Sisner kif ukoll li l-Kunsill jirriserva dritt li jiehu passi legali minhabba li l-proposta li tintuza Triq Gabriele Henin kienet saret wara laqgha pubblika ghar-residenti.

6.131. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.132. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6992/09/I** 10/12/2009 Formularju minghand Ambiente Italia vis-a-vis l-applikazzjoni ghall-fondi ta' l-EU taht il-progett – Integrated Strategy for Sustainable Development of Mediterrean Rural Areas.

6.133. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6992/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien baghat din l-informazzjoni lill-FTZ sabiex tigi kkompilata l-informazzjoni mitluba.

**46/6994/09/I** 10/12/2009 E-mail minghand is-Sur Joseph Aloisio fejn issugerixxa li f'Misrah il-Forti jinzerghu sigar indigeni minflok il-palm li nqala'.

6.134. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6994/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li meta saret it-triq u x-xoghol tal-madwar f'Misrah il-Fortizza, kien hemm pjan ghal tisbih tad-dawra fejn kien hemm il-palmi u ghalhekk issa li tnehhew ippropona biex kif talab dan ir-resident issir xi embellishment hafif f'din iz-zona u ghalhekk il-Kunsill ghandu jitlob il-parir tal-Perit, sabiex issir stima tax-xoghol u wara terga' tigi diskussa mill-Kunsill jekk ikun hemm fondi disponibbli.

6.135. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.136. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7015/09/I** 10/12/2009 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija ID Malta ghall-provvista ta' uniformijiet ghall-impjegati klerikali.

6.137. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7015/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova sabiex jinxtraw dawn l-uniformijiet.

6.138. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.139. Qamet diskussjoni mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn irrimarkat li hija ma kienetx ikkonsultata fuq l-uniformijiet ta' l-iskrivani lanqas meta kienet il-Kunsill fil-jiem li ghaddew. Hija qalet li ma gietx murijha dawn l-uniformijiet u ghalhekk hassieta offiza b'hekk.

6.140. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-uniformijiet ser isiru minn fuq wiehed mill-katalgi l'ilhom ghad-dispozizzjoni tal-Kunsill ghal aktar minn sena kif ukoll li kemm is-Sindku Joe Zammit kif ukoll il-Kunsillier Joe Brincat kienu prezenti meta waslu samples ghand il-Kunsill u gew ippruvati mill-istaff. Il-kelliem qal ukoll li

huwa kellu struzzjonijiet minghand is-Sindku Joe Zammit sabiex dawn jigu ordnata ghalkemm dan kien ghadu ma sarx.

6.141. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat insistiet li din id-decizjoni ghandha titiehed fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli meta jigi lura mis-safar.

6.142. Wara diskussjoni mqanqla li saret is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-suggett ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss u titiehed decizjoni fejn irrimarka li ma jaghmilx sens li l-Kunsill jistenna sa Marzu biex jiddeciedu fuq l-uniformi. Ghalhekk il-kelliem qal li l-Kunsilliera ser ikollhom cans sa qabel il-laqgha li jmiss sabiex jaraw stampi taghhom u decizjoni finali titiehed fil-laqgha li jmiss.

**46/7027/09/I** 11/12/2009 Ittra minghand WasteServ Malta Ltd. bi proposta ta' kuntratt ghall-kiri tal-Bring In Sites ghall-perjodu ta' 5 snin bil-prezz ta' € 100 ghal kull bin fis-sena.

6.143. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7027/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7035/06/O** 11/12/2009 Ittra li l-Kunsill baghat lill-Fomeco Limited fejn gew infurmata li l-approvazzjoni tal-kwotazzjoni taghhom ghalissa hija wieqfa sakemm il-Kunsill jikseb parir legali minhabba oggezzjoni minghand il-kumpanija Infinite Fusion Technologies.

6.144. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7035/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghalissa l-Kunsill Lokali Pembroke ser jibqa' jaghmel parti mit-tribunal ta' Tas-Sliema sakemm jispiccaw il-kuntratti ezistenti imma mhux bhala Kumitat kongunt ghax ser imorru mal-Kumitat tat-Tramuntana.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-attivita' tat-tfal kellha tithassar ghax ma kienx hemm ir-rispons mixtieq. Il-kelliem qal li kienu biss 13 li halsu ghall-attivita'. Il-kelliem fakkar li l-attivita' li jmiss ser issir fit-22 ta' Dicembru meta Christmas Father iqassam ir-rigali lit-tfal.

8.02. Is-Sindku Joe Zammit stqarr ufficjalment is-sodisfazzjon tieghu lejn il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat kif ukoll lejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghas-sehem taghhom biex irnexxiet l-attivita' ta' l-anzjani.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument I u J)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif pprezentati.

9.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha ssir iz-zebgha taz-zebra crossing quddiem l-iskola ta' l-ITS kif ukoll il-metru minn kull naha tal-garaxxijiet quddiem dar partikulari fi Triq Dun Amabile Sisner wara li sar ix-xoghol tat-tarmak.

12.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien sar rapport lid-Dipartiment dwar 2 Palmiet fejn l-Australia Hall wahda fit-triq u wahda wara l-kamra; Palma fejn in-nicca tal-Madonna fi Triq Don Luigi Rigord; Palma ohra fejn il-Gnien 4 ta' Lulju u 6 Palmiet mejta fic-Centre Strip ta' Triq Patri Indri Vella fejn qal li l-ispezzjoni saret u issa jmiss li d-Dipartiment jiehu azzjoni ghall-qlugh.

12.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-hinijiet tax-xoghol tal-haddiema ta' l-ufficju bejn l-1 ta' Lulju u l-ahhar ta' Settembru ghandhom ikunu bejn it-8.00am u s-2.00pm.

12.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-ufficcju ghandu jahdem l-istess bhas-sena li ghaddiet halli ma jkunx hemm problemi ta' vacation leave. Il-kelliema qalet li din ghandha tkun deciza fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli minhabba li din tirrifletti l-perjodu tas-Sajf.

12.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill Lokali Pembroke huwa wiehed mill-unici Kunsilli fejn il-hinijiet huma differenti minn tac-Civil.

12.09. Wara diskussjoni li kien hemm is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett ghandu jigi diskuss f'laqgha ohra.

12.10. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-bicca bankina fi Triq il-Mediterran faccata ta' quddiem Triq Dun Amabile Sisner fejn qabel kienet bil-planka, kif inhi issa l-ilma jghaddi minn fuq il-bankina u mhux minn taht u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Kuntrattur biex jgholli kif kienet din il-bankina halli l-ilma jghaddi minn taht.

12.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex issir harga kulturali u socjali ghall-familji taghna nhar San Pawl. Il-kelliem qal li l-program ta' din l-attivita' jithabbar aktar tard u talab lill-Kunsilliera biex johorgu bl-idejat taghhom sa nofs Jannar.

12.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jsiru numru t'attivitajiet socjali u kulturali ghas-sena li gejja u qalet li ladarba jigi ffinalizzat il-kalendarju t'attivitajiet kienet ser tibghat lista dettaljata lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

12.17. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.19. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li waqt zjara fuq is-sit ta' fejn qed jirrangaw minhabba il-ftuh ufficjali tal-grawnd ta' Pembroke Athleta, flimkien mal-Kunsillier Joe

Brincat, raw li tnehhew il-bajtar tax-xewk u Yukki li thawwlu kif ukoll tkellmu ma' single parent l'infurmathom li kienet tkellmet mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat rigward il-bzonn li jsir xi haga specjalment minhabba l-fastidju li jinghataw minn nies li jghaddu minn quddiem it-twieqi taghhom. Il-kelliem qal li kien intalab biex jesprimi s-sodisfazzjon taghhom ghall-mod kif esprimit ruhha l-Kunsillier Vella Brincat. Il-kelliem qal l'intant huwa flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat kienu hadu xi ritratti tal-post u kif jixtiequ r-residenti jixtiequ l'issir il-bankina dawra mejt u hajt biex tinzamm il-hamrija li hemm u tevita li jidhlu ingenji fuq il-hamrija.

12.20. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob lill-Perit sabiex jaghmel stima li wara tigi diskussa fil-Kunsill.

12.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.23. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba l-esigenza tax-xoghol is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ghad fadallu 41 ¼ hrs, l-iskrivana Alison Micallef 25 hrs u l-iskrivana Kirsty Rizzo 24 hrs vacation leave rispettivament. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li dawn is-sieghat ghandhom jittiehdu fil-bidu tas-sena 2010.

12.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hemm bzonn manutenzjoni tal-kantuniera ta' Triq Falaise ma' Triq Sant' Andrija.

12.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ix-xoghol isir is-sena li gejja ma' xoghol iehor.

12.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.30. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li fl-attivita' li ser issir fil-jiem li gejjien fil-bini ta' l-iskola primarja, il-Kunsill ghandu jipprezenta bandiera tal-lokal lill-Kap ta' l-Iskola Primarja sabiex tkun esposta fil-bini ta' l-iskola. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-assistent Kap ta' l-iskola kien kortezjament staqsa jekk huwiex possibbli li jitpoggew litter bins fuq barra madwar l-iskola primarja.

12.31. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jissupplixxi bandiera tal-lokal lill-iskola kif ukoll li rigward il-litter bins dawn m'ghandhomx isiru minhabba li jista' jkun hemm residenti li jabbuzaw u jibdew ihallu l-iskart biswit taghhom.

12.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.34. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-ittri li jibghat il-Kunsill u pproponiet li kull ittra li tintbaghat ghandha tintbaghat kopja lill-Kunsilliera nkluz l-attachments.

12.35. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.37. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill joggezzjona ghat-talba tal-Verdala International School minhabba nkonvenjent li ser jinholoq ghar-residenti fi zmien il-Milied.

12.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.40. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li kien ircieva lment dwar is-sigar ta' Triq Mandalay u ppropona biex jinzabru.

12.41. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li qabel ghandu jintalab il-parir tad-Dipartiment koncernat.

12.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li ghandu jkun hemm aktar reqqa fuq cirkularijiet li jitqassmu lir-residenti minhabba zbalji ta' l-ortografija.

12.44. Qabel ghalqet il-laqgha s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg awgura lill-membri tal-Kunsill l-isbah xewqat ghall-Milied Hieni u Sena mimlija risq, hena u kuntentizza.

12.45. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 6 ta' Jannar 2010 fil-5.30 pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***